

# Ilsna ħżiena fuq il-pittura ta' l-arzella

minn Dr. Carmel Mallia

D. Litt, ND,BA Hons (Lond), Lic. Esperanto, DFH&HC (Paris)



Mgħotti bit-tużell, ixxamplat fl-arzella tal-kor tal-Knisja ta' San Ġorġ ta' beltna, hemm waħda mill-isbaħ pitturi li għoġbu jħallilna l-pittur Ġużeppi Calì (1846-1930): l-Apoteosi ta' San Ġorġ, jew San Ġorġ fil-glorja. Calì pittirha fil-bidu tas-seklu, u nkixfet bejn wieħed u ieħor fil-bidu ta' Diċembru ta' l-1905 jiġifieri 95 sena ilu meta l-pittur kellu 59 sena jew 25 sena qabel miet.

Dan sirt nafu b'kumbinazzjoni jien u nqalleb il-gazzetta *Malta*[1] fejn, f'nota ċkejkna jingħad li fir-rivista l-oħra *Malta Letteraria*[2], rivista tas-soċjetà La Giovine Malta, miktuba bit-Taljan, hemm artiklu fuq il-pittura l-ġdida ta' l-arzella tal-kor tal-knisja ta' San Ġorġ ta' beltna.

Issa jekk wieħed jifli sewwa din il-pittura jinduna x'armonija fiha, x'bilanċ fiha, x'kuluri li jgħaxxqu għandha. F'kelma waħda, pittura mill-isbaħ kif kien jaf ipitter Calì, jgħidu x'jgħidu l-kritiċi li qatt m'għandhom ħajta f'ilsienhom, ikollhom u ma jkollhomx raġun, għalkemm jidhrilhom li dejjem għandhom raġun.

L-artikolista li qed niċċita isfel, li jidher li jaf xi jgħid, jistqarr li din l-opra tista' tħabbatha sew ma' l-aħjar xogħlijiet *dell'Umbriana Scuola,* u jiġbor kollox f'sentenza waħda imma li tfisser ħafna: *Eccelente e gaio è il colorito* (il-kuluri, eċċelenti u ħajja). U mbagħad jgħaddi biex isemmi s-serafini li *l'angelico di Fiesole non ne saprebbe far migliori* (l-anġeliku ta' Fiosole – jiġifieri l-pittur Dumnikan Fra Angelico: c.1400-1455: nota tiegħi – ma kienx ipitter aħjar minnu).

Imma ħej fid-dinja tibqa' kwiet sakemm iħalluk in-nies. Kull artist ikollu l-għedewwa tiegħu, ħafna drabi bla ma jkun jaf. Ukoll f'dal-każ, kien hemm min taqtaq kontra. Kien hemm min qal li l-kuluri wżati kienu se jinżgħu f'qasir żmien u jitilfu *il pristino splendore.* Il-ħmerija hi li ma qalx jekk dan l-għidut kienx ġej minn xi qriema jew minn xi ħadd barra Ħal Qormi. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn in-nies li lesti jmaqdru ssibhom kullimkien. L-aħjar ħaġa li wieħed jagħmel ma' dawn hu bħalma kien qal Dante fid-Divina Commedia tiegħu: *non ragioniam di lor* (inħalluhom jgħidu). Is-sabiħ jibqa' dejjem sabiħ, jgħidu x'jgħidu, imaqdru kemm imaqdru. Fil-fatt l-artikolista hekk għamel ukoll: *Più stupide asserzione di questa non può darsi* (ma jistax ikun hemm stqarrija aktar baħnana minn din). Ikompli li, qabel, l-istess pittur kien ġa ħalla xogħlijiet tiegħu fil-



*San Ġorġ fil-glorja minn Giuseppe Calì. Parroċċa San Ġorġ, Qormi*

parroċċa ta' Ħal Lija. U jien inżid ngħid li f'April tas-sena ta' wara, jiġifieri fl-1906, inkixef fil-kor tal-parroċċa ta' Ħal Balzan xogħol ieħor tal-Calì.[3] Dan ifisser li x-xogħol ta' dal-pittur kien qed jingħoġob.

Illum ukoll issib min jgħidlek li dil-pittura tal-Calì f'Ħal Qormi ma tistax titqies fost l-aħjar xogħol tal-pittur.[4] Imma bħalma ġa għidt, kull kritika hi soġġettiva. Wieħed jgħid mod, l-għada jiġi ieħor u jgħid mod ieħor. Jien nirrispetta kull kritika, imma mhux bilfors noqgħod għaliha, għax mitt bniedem mitt fehma.

Lura għall-artikolista tal-*Malta Letteraria.* Ma nafx għaliex, flok ma ffirma b'ismu ġab biss R.S.O. Min jaf għaliex, hux? X'ried jaħbi? Insomma fuq dil-pittura qal tiegħu wkoll. Qal li jista' jkun li, billi l-pittura saret fuq il-ġebla, jekk il-ġebla hi ta' kwalità inferjuri, il-pittura jista' jkollha *delle scrostature* (titqarqaċ). Biss fl-aħħar ta' l-artiklu xorta jifraħ lill-Calì: is-sbuħija tax-xogħol tiegħu tisboq bil-wisq aktar it-tifħir umli li seta' jagħtih.

Barra l-pitturi antiki li hemm fl-Arċipretali tagħna, li trid tivvalutahom apparti għall-preġju tagħhom, għax antiki, il-pittura ta' l-arzella tal-kor hi l-aħjar biċċa xogħol fil-knisja kollha, impittra minn wieħed mill-aqwa pitturi li qatt kellna Malta, Ġużeppi Calì. Hu dnub li hi mgħottija bit-tużell li naħseb li mingħajru l-kor ikun isbaħ u jieħu dimensjoni akbar, barra li jista' jkun apprezzat aktar minn kulħadd. X'inhu l-aħjar, it-tużell jew il-faċċata tal-kor bis-sbuħija kollha tagħha, u bil-kritika kollha li kienet qalgħet minn xi ilsna ħżiena fl-1905?

Referenzi

1 Malta: 19.1.1906
2 Malta Letteraria: *Lavori d'arte nella Parrocchiale di Casal Curmi,* iffirmat R.S.O.. Fascicolo 20, Diċ. 1905 pp.381,382.
3 Malta: 7 ta' April 1906.
4 "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Hal Qormi, Ed. Joseph F. Grima: "Xoghlijiet u Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ', Mario Buhagiar (illum Dr.), p. 67.


**Colors 2000**

Pinto Junction 2, Qormi
*(Near Anici Band Club)*

The place where you can find any type of fashion wear.

• Casual Wear • Evening Wear
• Underwear • Fashion Jewellery

So come and visit us and on presentation of this advert you are given a 10% discount.

**See you.**


